**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 26 ta' Ġunju 2025**

Rikors Numru: 177/2025 AL

AB

vs

CB

(M.R. Numru 49/1976)

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tiegħu espona:

1. Illi l-esponent iżżewweġ lil CB, detentriċi tal-karta tal-identita' 500256 (M) fil-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin u (1976) (DOK A), minn dan iż-żwieġ l-partijiet kellhom tliet itfal, li illum il-ġurnata huma kollha maġġorenni;

2. Illi l-partijiet kien ilhom separati *de facto* għal aktar minn għoxrin sena, u legalment separati għall-tlettax il-sena, permezz ta' kuntratt in atti quddiem Dottor Nutar Vannessa Pool tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) (DOK B);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejniethom peress illi llum għandhom ħajja totalment separata minn xulxin;

4. Illi m'hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet hekk kif inhu stipulat skont il-kuntratt tas-separazzjoni;

5. Illi ma' dan ir-rikors qiegħed jiġi anness Affidavit ta' AB;

6. Illi għalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-liġi.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

a) Tiddikjara li ż-żwieġ ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar il-ħamsa (5) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976) jiġi maħlul u dikjarat bħala xolt;

b) Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jiġi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-ħall taż-żwieg jiġi debitament reġistrat skond il-ligi; u

c) Tagħti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimata li permezz taghha esponiet:

Illi l-esponenti giet notifikat bir-rikors fl-ismijiet premessi intavolat mill-attur;

Illi l-esponenti tirrileva li ma ghandha l-ebda oggezzjoni ghal dina t-talba;

Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-separazzjoni ma jistghux jigu varjati hekk kif jidher mill-att ippublikat fl-atti tan-Nutar Dr. Vannessa Pool datat sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) liema kuntratt gie pprezentat mar-rikors promutur;

Illi ma hemm l-ebda arretrati ta' manteniment;

Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi l-esponenti titlob lil dina Onorabbli Qorti illi ma tbghatix l-ispejjez ta dawna l-proceduri.

Illi l-esponenti qeghda tipprezenta affidavit taghha li qieghed jigi hawn anness u mmarkat **bhala Dok CA01.**

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavits bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-10 t'April, 2025;

Rat ir-risposta tal-intimata;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi pprova illi l-partijiet ilhom *de facto* separati għal aktar minn għoxrin sena u legalment separati mis-27 ta' Jannar 2012;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti pprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti, qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.